

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Europol

(Kawża F-103/12)

(2013/C 26/141)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

#### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-EUROPOL, meħuda sabiex tiġi eżegwita s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża Doyle vs Europol, F-37/09, li permezz tagħha Europol tat lir-rikorrent somma f'daqqa bħala kumpens għad-dannu kkawżat lill-mid-deċiżjoni li l-imsemmija sentenza annullat.

#### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha l-konvenut alloka lir-rikorrent somma ta' EUR 3 000 bħala kumpens għad-dannu li huwa ġarrab u li timplimenta b'mod komplut sentenza preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll id-deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha l-ilment ippreżentat mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 ġie miċħud;
- jikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż, inkluż is-salarju tar-rappreżentant.

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Europol

(Kawża F-104/12)

(2013/C 26/142)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentanti: W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

#### Suġġett

L-annulament tad-deċiżjoni tal-Europol, meħuda sabiex teżegwixxi s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Ġunju 2010 fil-Kawża Hanschmann vs Europol, F-27/09, li permezz tagħha l-Europol ta lir-rikorrenti somma f'daqqa sabiex tikkompensa għad-dannu li ġie kkawżat lir-rikorrenti bid-deċiżjoni li s-sentenza msemmija annullat.

#### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha l-konvenut jagħti lir-rikorrenti s-somma ta' EUR 13 000 bħala kumpens għad-danni li hija soffriet u bħala implementazzjoni sħiħa ta' sentenza preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll id-deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha l-ilment imressaq mir-rikorrenti kontra d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 ġie miċħud;
- tikkundanna lill-Europol għall-ispejjeż, li jinkludu s-salarju tar-rappreżentant.

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Europol

(Kawża F-105/12)

(2013/C 26/143)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: W. J. Dammingh u N. D. Dane, avukati)

Konvenuta: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol)

#### Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Europol, adottata bl-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-29 ta' Ġunju 2010 fil-kawża Knöll vs Europol, F-44/09, li permezz tagħha Europol ħallas lir-rikorrent somma f'daqqa intiża li tikkompensah għad-danni kkawżati lill-mill-imsemmija sentenza annullata.

#### Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-Deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 li permezz tagħha l-konvenut alloka lir-rikorrent somma ta' EUR 20 000 bħala kumpens għad-danni subiti minnu u mill-implementazzjoni sħiħa ta' sentenza preċedenti tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, kif ukoll id-deċiżjoni tad-29 ta' Ġunju 2012 li permezz tagħha l-ilment ippreżentat mir-rikorrent kontra d-deċiżjoni tat-28 ta' Novembru 2011 kien ġie miċħud;

— tikkundanna lil Europol għall-ispejjeż, inkluż is-salarju tar-rappreżentant.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-113/12)

(2013/C 26/144)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, A. Tymen, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riserva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10.

#### Talbiet tar-rikorrent

— jannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Jannar 2012 li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riserva tal-kompetizzjoni EPSO/AD/204/10;

— jannulla d-deċiżjoni tas-6 ta' Lulju 2012 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent;

— jikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż kollha.

**Rikors ippreżentat fil-10 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-114/12)

(2013/C 26/145)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

#### Partijiet

Rikorrenti: ZZ (rappreżentant: P. K. Rosiak, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet miċħuda l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni.

#### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2012, li permezz tagħha ġie miċħud l-għoti tal-allowance tal-espatrijazzjoni fl-Italja lir-rikorrenti.

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Ottubru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża F-115/12)

(2013/C 26/146)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

Annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba għall-kumpens tad-dannu li r-rikorrent jiddikjara li sofra minħabba ittra mibgħuta mill-Kummissjoni li tikkonċerna l-irkupru ta' kreditu ta' EUR 4 875 relatati mal-ispejjeż li r-rikorrent kien ikkundannat iħallas mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża T-241/03.

#### Talbiet tar-rikorrent

— jannulla ċ-ċaħda, fi kwalunkwe forma, tat-talba tad-19 ta' Lulju 2011;

— jannulla ċ-ċaħda, fi kwalunkwe forma, tal-ilment tad-19 ta' Frar 2012 imressaq kontra d-deċiżjoni li tiċħad it-talba tad-19 ta' Lulju 2011;

— *quatenus oportet*, jannulla n-nota tat-12 ta' Ġunju 2012, miktuba bil-Franċiż, li fuq in-naħa ta' fuq tal-lemin tal-ewwel paġna mill-ħames paġni tagħha tinkludi r-referenza "Ref. Ares (2012)704847 — 13.6.2012";

— jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent is-somma ta' EUR 5 500, flimkien mal-interessi ikkalkolati fuq din is-somma bir-rata ta' 10 % fis-sena, b'kapitalizzazzjoni annwali, mill-20 ta' Lulju 2011 u sal-pagament effettiv ta' din tal-aħħar;

— jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.